MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MC KEON**

Seduta tat-23 ta' Mejju, 2013

Citazzjoni Numru. 1241/2007

**Carolina Camilleri (KI 546230M) mart il-mejjet Cristino Camilleri, George Brightwell (KI 548137M), Adelaide Zammit mart Joseph Zammit (KI 4439M), Mary Privitera legalment separata minn ma` zewgha Edward Privitera (KI 73541M), Arthur Brightwell (KI 124845M), ulied il-mejta Arthur Brightwell u Helen Brightwell xebba Spiteri ;**

***u***

**Vivienne Brightwell (KI 354047M) u Gino Mule` Stagno (KI 170872M) bhala mandatarji tal-assenti Kirk Brightwell u Paul Brightwell ulied il-mejjet Alfred Brightwell u li Alfred Brightwell huwa bin il-mejta Arthur Brightwell u Helen Brightwell xebba Spiteri ;**

***u***

**Josephine Brightwell (KI 649841) mart il-mejjet Ronald Brightwell u binthom Emma Manara (KI 30867M), mart**

**Marco Manara u li Ronald Brightwell huwa bin il-mejta Arthur Brightwell u Helen Brightwell xebba Spiteri ;**

***u***

**Gino Mule` Stagno (KI 170872M) bhala mandatarju tal-assenti hutu Mario Mule` Stagno (Passaport Nru 484192) u Aurelio Mule` Stagno (KI310561M), Gino Mule` Stagno (KI 170872M), Rinaldo k/a Aldo Mule` Stagno (KI 226762M), Sergio Mule` Stagno (KI 42374M) u Umberto Mule` Stagno (KI 100577M) ulied il-mejta Candida Mule` Stagno u Victor Mule` Stagno**

***kontra***

**Dr. Anthony Cutajar LLD u P.L. Liliana Buhagiar li b`digriet tas-7 ta` Frar 2008 gew nominati kuraturi deputati sabiex jirraprezentaw lill-eredi mhux maghrufa ta` Anthony Spiteri, John Spiteri u Paul Spiteri, ulied il-mejta Joseph Spiteri u Carolina Spiteri, xebba Snelling ;**

***u***

**b`digriet tas-7 ta` Mejju 2008 Jennifer Abela (KI 166652M), Agnes Agius (KI 371247M), Dennis Abela (KI 121450M), David Abela (KI 669745M) f`ismu propju u bhala prokuratur ghan-nom ta` l-imsiefrin Albert Mifsud (Passaport Malti Nru 779180) u Patrick Joseph Mifsud (Passaport Malti Nru 821773), Anthony Mifsud (KI 421752M), Michael Mifsud (KI 614254M), Mary Rose Camilleri (KI 701855M) u Victor Mifsud (KI 541961M) intervjenew fil-kawza *in statu et terminis***

**Il-Qorti :**

## I. Preliminari

Rat ir-rikors guramentat li kien prezentat fis-27 ta` Novembru 2007 u jaqra hekk –

*Peress li Paul Spiteri, iben il-mejjet Joseph Spiteri u Carolina Spiteri mizzeweg lil Rosaria neé Manche` miet fl-20 ta` April 1987 u minn dan iz-zwieg ma kellhomx tfal (Dok A – certifikat tal-mewt ta` Paul Spiteri anness) ;*

*Peress li Rosaria neé Manche` mietet fis-6 ta` Mejju 1990, mart l-istess Paul Spiteri, u minn dan iz-zwieg ma kellhiex tfal ;*

*Peress li Paul Spiteri u martu Rosaria Spiteri, permezz tal-ahhar testment taghhom datat 12 ta` Ottubru 1965 fl-atti tan-Nutar Rosario Frendo Randon, fejn martu ddisponiet minn gidha lil terzi filwaqt li l-mejjet iddispona minn gidu bil-mod segwenti :*

*a) terza parti tal-assi ta` Paul Spiteri lit-tfal kollha ta` huh John Spiteri fi kwoti ndaqs bejniethom u bis-sostituzzjoni volgari a favur tar-rispettivi ulied u d-dixxendenti ulterjuri ;*

*b) tlieta minn tnejn u ghoxrin (3/22) parti ohra ta` l-istess assi lit-tlett itfal ta` huh Anthony Spiteri fi kwoti ndaqs bejniethom u bis-sostituzzjoni volgari a favur tar-rispettivi ulied u dixxendenti ulterjuri ta` dawn l-eredi ;*

*c) wiehed minn sitta (1/6) parti ohra tal-istess assi lill-erbat itfal ta` ohtu Helen mart Arthur Brightwell li huma Candida mart Victor Mule` Stagno, Edith mart Joseph Zammit, Mary mart Eddy Privitera u George Brightwell fi kwoti ndaqs bejniethom ;*

*d) erbgha minn hdax (4/11) tal-istess assi lill-erbat itfal ohra ta` ohtu Helen mart Arthur Brightwell li huma Ronald, Alfred, Arthur Junior u Lina mart Cristino Camilleri ahwa Brightwell fi kwot ndaqs bejniethom ;*

*Peress li l-atturi qed jipprezentaw ir-ricerki testamentarji tal-istess Paul Spiteri u t-testment tal-istess li qed jigu annessi u markata Dok B, Dok C u Dok D rispettivament ;*

*Peress li John Spiteri, hu Paul Spiteri, miet cirka Gunju 1960 u kellu disat itfal : Anthony, Carmela mart John Xuereb, Joseph, Inez mart John Sciberras, Agatina mart Emmanuel Camilleri, Evelyn mart Henry Delmar, Carolina mart Anthony Casingena, Miriam mizzewga Farrugia, Pawlina xebba, Esther Gauci mart Raphael u Adelina mart Emmanuel Grech li minnhom anke Agatina Camilleri, Evelyn Delmar, Carolina Casingena, Miriam Farrugia, Esther Gauci, Paolina Spiteri u Adelina Grech mietu izda l-wirt taghhom mhux maghruf ;*

*Peress li Anthony Spiteri, hu l-mejjet Paul Spiteri, illum mejjet ukoll izda d-data tal-mewt mhix maghrufa mal-atturi u kellu lil uliedu Josephine Abela, Iris Mifsud u Rose xebba Spiteri, kollha mejtin izda l-atturi ma jafux min wirithom ;*

*Peress li Helen mart Arthur Brightwell, oht il-mejjet Paul Spiteri mietet fit-22 ta` Gunju 1975 (certifikat tal-mewt hawn anness u markat Dok E, u ricerki testimentarji tal-istess annessi u markati Dok F u Dok G rispettivament ;*

*Peress li lill-istess Helen Brightwell wirtuha t-tmien uliedha Carolina Camilleri, Ronald, Alfred, Candida mart Victor Mule` Stagno, George Adelaide, Mary u Arthur u dana skond l-annessi zewg testmenti datati 30 ta` Settembru 1996 fl-atti tan-Nutar Vincenzo Maria Pellegrini u 10 ta` Mejju 1968 fl-atti tal-istess nutar hawn annessi u markata Dok H u I rispettivament ;*

*Peress li Arthur Brightwell, zewg l-istess Helen Brightwell miet fit-28 ta` Mejju 1980 u wkoll halla l-istess*

*it-tmien uliedu bhala werrieta universali tieghu; (Dok J – certifikat tal-mewt, Dok K u Dok L – ricerki testamentarji) ;*

*Peress li Ronald Brightwell, bin l-istess Arthur u Helen, konjugi Brightwell miet fl-4 ta` Novembru 2000 certifikat tal-mewt hawn anness u markat Dok M u skond l-ahhar testment tieghu tat-28 ta` Novembru 1980 fl-atti tan-nutar Dr. George Bonello Dupuis huwa nnominaha bhala werrieta universali tieghu lil martu Josephine Brightwell u lil bintu Emma Manara f`ishma ndaqs bejniethom, kopja tar-ricerki testamentarji u tat-testment hawn annessi u markati Dok N, Dok O u Dok P rispettivament ;*

*Peress li Candida mart Victor Mule` Stagno u bint l-istess Arthur Brightwell u Helen Brightwell neé Spiteri mietet fl-14 ta` Mejju 2004 certifikat tal-mewt hawn anness u markat Dok Q ;*

*Peress li skond testment unica charta li l-istess Candida ghamlet ma` zewgha Victor Mule` Stagno datat 28 ta` Gunju 1980 fl-atti tan-Nutar Dottor Angelo Vella hija halliet bhala eredi universali u proprjetarji assoluti taghha lil uliedha kollha ndaqs u indivizament bejniethom u cioe` lil Mario, Aurelio, Rinaldo, Gino, Sergio u Umberto, ahwa Mule` Stagno (Dok R u Dok S – ricerki testamentarji, Dok t-testment tat-28 ta` Gunju 1980, u Dok U u V – ricerki testamentarji ta` zewgha Victor Mule` Stagno li miet qabel martu fl-20 ta` Lulju 1985 ;*

*Peress li Mario Mule` Stagno u huh Aurelio Mule` Stagno llum jghixu barra minn Malta u nnominaw lil huhom Gino Mule` Stagno biex jirraprezentahom f`dawn l-atti permezz ta` zewg prokuri generali datati l-istess u cioe` tas-17 ta` Lulju 2006 hawn annessa u markata Dok W u Dok X rispettivament ;*

*Peress li Alfred Brightwell, iben l-istess Arthur Brightwell miet fit-22 ta` Jannar 2002 l-Ingilterra u halla liz-zewg uliedu Kirk Brightwell u Paul Brightwell bhala eredi universali tieghu (Dok Y – certifikat tal-mewt u Dok Z it-testment tal-istess Alfred Brightwell) ;*

*Peress li Paul Brightwell innomina lil Vivienne Brightwell mart Arthur Brightwell u lil Gino Mule` Stagno bhala mandatarji tieghu liema prokura tinsab annessa u markata Dok AA ;*

*Peress li Kirk Brightwell innomina lil Vivienne Brightwell mart Arthur Brightwell u lil Gino Mule` Stagno bhala mandatarji tieghu liema prokura tinsab annessa u markata Dok BB ;*

*Peress li mill-annessa denunzja tal-istess Alfred Brightwell fl-atti tan-nutar Dr. Tonio Cauchi jirrizulta li f`Malta l-istess Alfred Brightwell ma ghamel ebda testment u ghalhekk iz-zewg uliedu huma l-werrieta universali tieghu, kopja tad-denunzja qed tigi annessa u markata Dok CC ;*

*Peress li l-wirt ta` Paul Spiteri jikkonsisti f`mobbli u immobbli u assi likwidi kif dettaljament elenkat fid-denunzja tal-istess Paul Spiteri li qed tigi markata u annessa bhala Dok DD u l-istess gie elenkat mill-atturi f'Dok DD1 ;*

*Peress li safejn jafu l-atturi d-dixxendenti tal-werrieta ta` Paul Spiteri huma dawk elenkati fl-annessa tabella markata Dok EE ;*

*Peress li l-partijiet kienu ghal xi zmien hatru lill-avukat Dr. Melvyn Mifsud sabiex jamministra l-istess wirt u anke ghalaq xi kontijiet minnhom u rcevew sehemhom*

*minn dawn il-kontijiet izda sal-lum huma ghadhom ma rcevewx rendikont ta` x`fadal minn l-istess wirt ghalkemm interpellat diversi drabi u ghalkemm tali mandat gie revokat lilu mill-atturi ;*

*Peress illi l-atturi ma jridux li jibqghu fi stat ta` komunjoni mal-konvenuti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza :*

*Ighidu ghalhekk il-konvenuti ghaliex din il-Qorti m`ghandhiex :*

*1. Tiddikjara f`hiex jikkonsistu prezentement l-assi tal-mejjet Paul Spiteri ;*

*2. Tillikwida l-istess assi u tiddisponi minnhom skond id-disposizzjonijiet tat-testment tal-istess Paul Spiteri datat 12 ta` Ottubru 1965 fl-atti tan-Nutar Rosario Frendo Randon u cioe` li (a) terza parti tal-assi ta` Paul Spiteri lit-tfal kollha ta` huh John Spiteri fi kwoti ndaqs bejniethom u bis-sostituzzjoni volgari a favur tar-rispettivi ulied u d-dixxendenti ulterjuri (b) tlieta minn tnejn u ghoxrin (3/22) parti ohra ta` l-istess assi lit-tlett itfal ta` huh Anthony Spiteri fi kwoti ndaqs bejniethom u bis-sostituzzjoni volgari a favur tar-rispettivi ulied u dixxendenti ulterjuri ta` dawn l-eredi (c) wiehed minn sitta (1/6) parti ohra tal-istess assi lill-erbat itfal ta` ohtu Helen mart Arthur Brightwell li huma Candida mart Victor Mule` Stagno, Edith mart Joseph Zammit, Mary mart Eddy Privitera u George Brightwell fi kwoti ndaqs bejniethom u (d) erbgha minn hdax (4/11) tal-istess assi lill-erbat itfal ohra ta` ohtu Helen mart Arthur Brightwell li huma Ronald, Alfred, Arthur Junior u Lina mart Cristino Camilleri ahwa Brightwell fi kwoti ndaqs bejniethom ;*

*3. Kemm-il darba jirrizulta lil din il-Qorti li dawn l-assi ma humiex komodament divizibbli, tordna l-licitazzjoni tal-istess jew parti minnhom, skond il-kaz ;*

*4. Tordna li r-rikavat jigi diviz skond id-disposizzjonijiet tat-testment tal-istess Paul Spiteri tat-12 ta` Ottubru 1965 fl-atti tan-Nutar Rosario Frendo Rando u cioe` (a) terza parti tal-assi ta` Paul Spiteri lit-tfal kollha ta` huh John Spiteri fi kwoti ndaqs bejniethom u bis-sostituzzjoni volgari a favur tar-rispettivi ulied u d-dixxendenti ulterjuri (b) tlieta minn tnejn u ghoxrin (3/22) parti ohra ta` l-istess assi lit-tlett itfal ta` huh Anthony Spiteri fi kwoti ndaqs bejniethom u bis-sostituzzjoni volgai a favur tar-rispettivi ulied u dixxendenti ulterjuri ta` dawn l-eredi (c) wiehed minn sitta (1/6) parti ohra tal-istess assi lill-erbat itfal ta` ohtu Helen mart Arthur Brightwell li huma Candida mart Victor Mule` Stagno, Edith mart Joseph Zammit, Mary mart Eddy Privitera u George Brightwell u (d) erbgha minn hdax (4/11) tal-istess assi lill-erbat itfal ohra ta` ohtu Helen mart Arthur Brightwell li huma Ronald, Alfred, Arthur Junior u Lina mart Cristino Camilleri ahwa Brightwell fi kwoti ndaqs bejniethom.*

*Bl-ispejjez kontra l-konvenuti li minn issa huma ngunti in subizzjoni u b`rizerva ta` produzzjoni ta` dokumenti ohra fil-mori tal-kawza.*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mill-atturi u l-elenku tad-dokumenti li kienu esebiti minnhom.

Rat ir-risposta guramentata tal-kuraturi deputati Av. Anthony Cutajar u P.L. Liliana Buhagiar prezentata fid-29 ta` Frar 2008 li taqra hekk –

*1. Illi f`dan l-istadju huma ma humiex edotti mill-fatti tal-kaz.*

*2. Illi ghalhekk jirriservaw li jipprezentaw risposta ulterjuri fi stadju iehor tal-kawza.*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mill-imsemmija kuraturi deputati.

Rat id-digriet ta` din il-Qorti diversament presjeduta moghti fl-4 ta` April 2008 (fol 128) fejn kien mahtur il-Perit Mario Cassar bhala perit tekniku sabiex jaghmel stima tal-immobbli elenkati fid-Dok DD u Dok DD1.

Rat id-digriet ta` din il-Qorti diversament presjeduta tas-16 ta` Mejju 2008 fejn Jennifer Abela, Agnes Agius, Dennis Abela, u David Abela dan tal-ahhar f`ismu propju u bhala mandatarju tal-assenti Albert Mifsud, Patrick Joseph Mifsud, Anthony Mifsud, Michael Mifsud,, Mary Rose Camilleri u Victor Mifsud kienu ammessi jintervjenu fil-kawza *in statu et terminis.*

Rat in-nota b`dokumenti prezentata mill-atturi (fol 181 et seq).

Rat ix-xiehda bl-affidavit ta` Arthur Brightwell u ta` Vivienne Brightwell, flimkien mad-dokumenti li kienu annessi.

Rat it-traskrizzjoni tad-deposizzjoni ta` Audrey Ghigo, ta` Joseph Borg Cardona, ta` David Galea, ta` Jeanette Lepre` u ta` Jeanette Vella waqt seduta mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju Av. Mariella Schembri Gonzi fil-25 ta` Gunju 2008. U rat id-dokumenti li kienu esebiti.

Rat in-nota b`xiehda bl-affidavit (u dokument) li pprezentaw l-atturi fl-udjenza tas-26 ta` Gunju 2008.

Rat it-traskrizzjoni tad-deposizzjoni tax-xiehda ta` Joseph Borg Cardona, Jeanette Vella, Audrey Ghigo u Jonathan Fayale fl-udjenza tal-31 ta` Ottubru 2008 u rat id-dokumenti li kienu prezentati fl-istess udjenza.

Rat ir-relazzjoni tal-Perit Tekniku Mario Cassar li kienet mahlufa quddiem din il-Qorti kif presjeduta fl-udjenza tat-2 ta` Marzu 2009.

Semghet id-deposizzjoni tal-Perit Mario Cassar fl-udjenza tat-2 ta` Marzu 2009.

Rat in-nota b`dokument li pprezentaw il-kuraturi deputati fl-14 ta` Mejju 2009.

Semghet id-deposizzjoni tal-Av. Melvyn Mifsud fl-udjenza tal-14 ta` Mejju 2009 (fol 313 et seq).

Rat in-nota kongunta tal-atturi u tal-intervenuti fil-kawza tal-20 ta` Mejju 2009 (fol 319).

Rat in-nota guramentata tal-Av. Melvyn Mifsud tad-9 ta` Lulju 2009 flimkien mad-dokumenti li kienu annessi (fol 323 sa fol 337).

Rat in-nota b`dokumenti prezentata mill-atturi fid-9 ta` Lulju 2009 (fol 340 et seq).

Rat in-nota guramentata b`dokumenti prezentata mill-atturi fid-9 ta` Lulju 2009 (fol 356 et seq).

Semghet ix-xiehda ta` Margaret Falzon (fol 376 sa fol 378) u ta` Dr Paul Borg Olivier (fol 379 sa fol 380) fl-udjenza tad-9 ta` Lulju 2009 u rat id-dokumenti li kienu esebiti.

Semghet ix-xiehda ta` Dr Paul Borg Olivier (fol 404 sa fol 407) u ta` l-attrici Vivianne Brightwell (fol 408) fl-udjenza tas-26 ta` Ottubru 2009 u rat id-dokumenti li kienu esebiti.

Rat in-nota tal-Perit Mario Cassar (fol 410 et seq) li kienet prezentata fil-11 ta` Novembru 2009.

Semghet ix-xiehda tal-Perit Mario Cassar fl-udjenza tas-26 ta` Jannar 2010 (fol 425 sa fol 428).

Rat id-digriet taghha fl-istess udjenza fejn inkarikat lill-Perit Mario Cassar sabiex jaccedi fil-fond 81, St Henry Street, Sliema, u jaghmel stima tieghu ghalkemm illum huwa minfud mal-fond 82, St. Henry Street, Sliema.

Semghet ix-xiehda tal-Perit Mario Cassar fl-udjenza tat-23 ta` Marzu 2010 (fol 441A sa fol 441B) u rat ir-relazzjoni li pprezenta x-xhud.

Rat in-nota tal-kuraturi deputati a fol 442 et seq.

Rat nota ohra tal-kuraturi deputati a fol 558 et seq.

Rat in-nota tal-atturi li kienet prezentata fit-22 ta` Gunju 2010 (fol 562 et seq).

Rat in-nota b`dokument li pprezentaw l-atturi fl-udjenza tal-11 ta` Novembru 2010 (fol 567 et seq).

Rat in-nota ta` osservazzjonijiet tal-atturi (fol 578 et seq).

Rat il-verbal tal-udjenza tat-22 ta` Marzu 2011. In partikolari, il-korrezzjonijiet li kienu mitluba mill-atturi u akkordati mill-Qorti.

Rat id-digriet taghha tat-22 ta` Marzu 2011 fejn halliet il-kawza ghas-sentenza.

Rat l-atti tal-kawza.

**Ikkunsidrat :**

**II. <u>L-eredi</u>**

Din il-kawza tittratta l-likwidazzjoni u l-qasma tal-wirt ta` Paul Spiteri li miet fl-20 ta` April 1987. Paul Spiteri kien mizzewweg lil Rosaria xebba Manche` li mietet fis-6 ta` Mejju 1990. Il-konjugi Spiteri ma kellhomx ulied.

Is-successjoni ta` Paul Spiteri hija regolata minn testment tat-12 ta` Ottubru 1965 fl-atti tan-Nutar Dottor Rosario Frendo Randon.

Skond dan it-testment, il-gid ta` Paul Spiteri kellu jinqasam hekk :-

1) **<u>Sehem ta` terz (1/3)</u>** imur a favur ta` ulied huh John Spiteri fi kwoti indaqs bejniethom u bis-sostituzzjoni volgari a favur tar-rispettivi wlied u d-dixxendenti ulterjuri. Ulied John Spiteri kienu dawn :-

(i) Anthony Spiteri ;
(ii) Carmela mart John Xuereb ;
(iii) Joseph Spiteri ;
(iv) Inez mart John Sciberras ;
(v) Agatina mart Emmanuel Camilleri ;
(vi) Evelyn mart Henry Delmar ;
(vii) Carolina mart Anthony Casingena ;
(viii) Miriam mizzewga Farrugia ;
(ix) Esther mart Raphael Gauci
(x) Pawlina Spiteri, xebba ; u
(xi) Adelina mart Emmanuel Grech.

Minnhom sebgha (7) huma mejtin u cioe` :-

(a) Agatina mart Emmanuel Camilleri ;
(b) Evelyn mart Henry Delmar ;
(c) Carolina mart Anthony Casingena ;
(d) Miriam mizzewga Farrugia ;
(e) Esther mart Raphael Gauci ; u
(f) Pawlina Spiteri, xebba ;
(g) Adelina mart Emmanuel Grech.

L-eredi taghhom mhux maghrufa.

2) **<u>Sehem ta` tlieta minn tnejn u ghoxrin (3/22)</u>** imur a favur it-tlett (3) ulied ta` huh Anthony Spiteri fi kwoti indaqs bejniethom u bis-sostituzzjoni volgari a favur tar-rispettivi wlied u dixxendenti ulterjuri ta` dawn l-eredi. Dawn huma :-

i) Josephine Abela, illum mejta. L-eredi taghha huma l-erba` (4) uliedha :-

(a) Jennifer Abela
(b) Agnes Agius
(c) Dennis Abela

d) David Abela

ii) Iris Mifsud, illum mejta. L-eredi taghha huma s-sitt (6) uliedha :-

(a) Albert Mifsud
(b) Patrick Joseph Mifsud
(c) Anthony Mifsud
(d) Michael Mifsud
(e) Mary Rose Camilleri
(f) Victor Mifsud

iii) Rose xebba Spiteri, illum mejta. L-eredi taghha huma l-ulied ta` hutha Josephine Abela u Iris Mifsud u cioe` :-

(a) Jennifer Abela
(b) Agnes Agius
(c) Dennis Abela
(d) David Abela
(e) Albert Mifsud
(f) Patrick Joseph Mifsud
(g) Anthony Mifsud
(h) Michael Mifsud
(i) Mary Rose Camilleri
(j) Victor Mifsud

3) **<u>Sehem ta` wiehed minn sitta (1/6)</u>** imur a favur erbgha (4) mill-ulied ta` ohtu Helen mart Arthur Brightwell. Dawn huma :-

i) Candida mart Victor Mule` Stagno, illum mejta. L-eredi taghha huma s-sitt (6) uliedha :-

a) Mario Mule` Stagno ;
b) Aurelio Mule` Stagno ;
c) Rinaldo Mule` Stagno ;
d) Gino Mule` Stagno ;
e) Sergio Mule` Stagno ; u
f) Umberto Mule` Stagno.

ii) Edith mart Joseph Zammit ;
iii) Mary mart Eddy Privitera ; u
iv) George Brightwell.

4) **<u>Sehem ta` erbgha minn hdax (4/11)</u>** imur favur l-erba` (4) ulied l-ohra ta` ohtu Helen mart Arthur Brightwell fi kwoti ndaqs bejniethom. Dawn huma :-

v) Ronald Brightwell, illum mejjet. L-eredi tieghu (indaqs bejniethom) huma :-

(a) Josephine Brightwell (martu) ; u
(b) Emma Manara (bintu).

(vi) Alfred Brightwell, illum mejjet. L-eredi tieghu (indaqs bejniethom) huma z-zewg uliedu :-

(a) Kirk Brightwell ; u
(b) Paul Bightwell.

vii) Arthur Brightwell ; u
viii) Carolina mart Cristino Camilleri.

**Ikkunsidrat :**

**III. <u>L-assi ereditarji</u>**

**i) <u>L-immobbli</u>**

1) **<u>62, Triq San Guzepp Valletta</u>**.

a) Il-Kummissarju tal-Art ghandu titolu ta` "possession and use" ghal dan il-fond u kien ihallas €74.54 fis-sena.

b) Ma jirrizultax min thallas sa Frar 1999.

c) Wara Frar 1999 u anke wara, il-Kummissarju tal-Art hallas lil Dr. Melvyn Mifsud.

d) Bejn Frar 1999 u llum, thallsu **€1,048.20** (€69.88 x 15).

2) **67, Triq San Nicola Valletta**.

a) Il-Perit Mario Cassar stima dan il-fond fl-ammont ta` **€50,000**

b) Il-fond huwa mikri ghal €167.71 fis-sena.

c) Il-kirja saru parti mill-wirt ta` Paul Spiteri wara s-6 ta` Mejju 1990 billi l-armla tieghu Rosaria Spiteri kellha jedd ghall-uzufrutt.

d) Bejn l-1990 sal-lum akkumulaw kirja fl-ammont ta` **€4,025.04** (€167.71 x 24).

3) **99, Triq St. Ursola Valletta**

a) Il-Perit Mario Cassar stima dan il-fond fl-ammont ta` **€6,500**

b) Il-fond huwa mikri ghal €67.55 fis-sena.

c) Il-kirja saru parti mill-wirt ta` Paul Spiteri wara s-6 ta` Mejju 1990 billi l-armla tieghu Rosaria Spiteri kellha jedd ghall-uzufrutt.

d) Bejn l-1990 sal-lum akkumulaw kirja fl-ammont ta` **€1,621.20** (€67.55 x 24).

4) **127, Triq Azzopardi Msida**

a) Il-Perit Mario Cassar stima dan il-fond fl-ammont ta` **€12,000**

b) Il-fond huwa mikri ghal €25.62 fis-sena.

c) Il-kirja saru parti mill-wirt ta` Paul Spiteri wara s-6 ta` Mejju 1990 billi l-armla tieghu Rosaria Spiteri kellha jedd ghall-uzufrutt.

d) Bejn l-1990 sal-lum akkumulaw kirja fl-ammont ta` **€614.88** (€25.62 x 24).

5) **129, Triq Azzopardi Msida**

a) Il-Perit Mario Cassar stima dan il-fond fl-ammont ta` **€11,000**

b) Il-fond huwa mikri ghal €51.26 fis-sena.

c) Il-kirja saru parti mill-wirt ta` Paul Spiteri wara s-6 ta` Mejju 1990 billi l-armla tieghu Rosaria Spiteri kellha jedd ghall-uzufrutt.

d) Bejn l-1990 sal-lum akkumulaw kirja fl-ammont ta` **€1,230.24** (€51.26 x 24).

6) **125, Triq Azzopardi Marsa**

a) Il-Perit Mario Cassar stima dan il-fond fl-ammont ta` **€40,000**

b) Il-fond huwa mikri ghal €18.63 fis-sena.

c) Il-fond jappartjeni in kwantu ghal nofs indiviz lill-eredi ta` Paul Spiteri, in kwantu ghal kwart indiviz lill-eredi ta` Helen Bightwell u in kwantu ghal kwart indiviz lill-eredi ta` Anthony Spiteri.

d) Il-kirja saru parti mill-wirt ta` Paul Spiteri wara s-6 ta` Mejju 1990 billi l-armla tieghu Rosaria Spiteri kellha jedd ghall-uzufrutt.

d) Bejn l-1990 sal-lum akkumulaw kirja a favur tal-wirt ta` Paul Spiteri fl-ammont ta` **<u>€223.56</u>** (€18.63 x 24 @ 50%).

7) **<u>131, Triq Azzopardi Marsa</u>**

a) Il-Perit Mario Cassar stima dan il-fond fl-ammont ta` **<u>€6,500</u>**

b) Il-fond huwa mikri ghal €18.63 fis-sena.

c) Il-fond jappartjeni in kwantu ghal nofs indiviz lill-eredi ta` Paul Spiteri, in kwantu ghal kwart indiviz lill-eredi ta` Helen Bightwell u in kwantu ghal kwart indiviz lill-eredi ta` Anthony Spiteri.

d) Il-kirja saru parti mill-wirt ta` Paul Spiteri wara s-6 ta` Mejju 1990 billi l-armla tieghu Rosaria Spiteri kellha jedd ghall-uzufrutt.

d) Bejn l-1990 sal-lum akkumulaw kirja a favur tal-wirt ta` Paul Spiteri fl-ammont ta` **<u>€223.56</u>** (€18.63 x 24 @ 50%).

8) **<u>1, Triq Mattew Callus Marsa</u>**

a) Il-Perit Mario Cassar stima dan il-fond fl-ammont ta` **<u>€25,000</u>**

b) Il-fond huwa mikri ghal €18.63 fis-sena.

c) Il-fond jappartjeni in kwantu ghal nofs indiviz lill-eredi ta` Paul Spiteri, in kwantu ghal kwart indiviz lill-eredi

ta` Helen Bightwell u in kwantu ghal kwart indiviz lill-eredi ta` Anthony Spiteri.

d) Il-kirja saru parti mill-wirt ta` Paul Spiteri wara s-6 ta` Mejju 1990 billi l-armla tieghu Rosaria Spiteri kellha jedd ghall-uzufrutt.

d) Bejn l-1990 sal-lum akkumulaw kirja a favur tal-wirt ta` Paul Spiteri fl-ammont ta` **€223.56** (€18.63 x 24 @ 50%).

9) **84, Triq S. Enriku Sliema**

a) Il-Perit Mario Cassar stima dan il-fond fl-ammont ta` **€25,000**

b) Il-fond kien mikri ghal €41.95 fis-sena.

c) Illum il-fond huwa battal u c-cavetta tinsab depositata l-Qorti.

d) Il-kirja saru parti mill-wirt ta` Paul Spiteri wara s-6 ta` Mejju 1990 billi l-armla tieghu Rosaria Spiteri kellha jedd ghall-uzufrutt.

d) Ma jirrizultax kemm akkumulaw kirja bejn Mejju 1990 sakemm il-fond gie battal.

10) **6, Triq l-Oratorju, Bormla**

a) Il-Perit Mario Cassar stima dan il-fond fl-ammont ta` **€45,000**

b) Il-fond kien mikri ghal €97.83 fis-sena.

c) Il-kirja saru parti mill-wirt ta` Paul Spiteri wara s-6 ta` Mejju 1990 billi l-armla tieghu Rosaria Spiteri kellha jedd ghall-uzufrutt.

d) Bejn l-1990 sal-lum akkumulaw kirja a favur tal-wirt ta` Paul Spiteri fl-ammont ta` **€2,347.92** (€18.63 x 24 @ 50%).

11) **81, Triq S. Enriku, Sliema**

a) Il-Perit Mario Cassar stima dan il-fond fl-ammont ta` **€18,000**

b) Fil-prezent, dan il-fond huwa mniffed mal-fond 82, Triq S. Enriku Sliema, li jappartjeni lill-eredi ta` Anthony Spiteri.

**ii) Depoziti ta` kera fil-Qorti**

Wara l-2009, l-inkwilin tal-fond 99, Triq Sant` Ursola, Valletta, beda jiddeposta l-kera fil-Qorti. Sar depozitu ta` **€0.04c**.

Bejn it-22 ta` Awissu 2009 u l-21 ta` Frar 2011, saru zewg depoziti ta` kera fl-ammont ta` **€0.23c** ghall-fond 67, Triq San Nicola, Valletta, permezz ta` zewg cedoli ta` depozitu.

**iii) Cens**

Jithallas mill-Partit Nazzjonalista cens ta` €465.41 (ekwivalenti ghal Lm199.80) fis-sena [ara fol 401] ghall-art fejn illum hemm mibnija d-Dar Centrali tal-Partit Nazzjonalista, Tal-Pieta`.

Sal-1999, il-hlas tac-cens kien isir lil Dr. Melvyn Mifsud. Ghad-disa` (9) snin ta` bejn l-1990 sal-1999,

akkumula Lm1,798.20. Sehem ta` 169/228 kien dovut lil Paul Spiteri u cioe` Lm1,332.88 ekwivalenti ghal **€3,104.78**.

Skond ix-xiehda tal-Av. Paul Borg Olivier ghall-Partit Nazzjonalista (ara fol 404 et seq) wara l-1999 ma sarux aktar hlasijiet ta` cens li jfisser li huwa dovuti lill-eredita` ta` Paul Spiteri l-ammont ta` Lm2,221.46 ekwivalenti ghal **€5,174.61**.

Jithallas ukoll cens perpetwu ta` €23.22 (ekwivalenti ghal Lm9.97) ghall-fondi 4, 5, 8, 9, 16, 17 u 18 Triq San Gejtanu Hamrun. Nofs imur a favur tal-eredi ta` Paul Spiteri. Mill-1990 sal-lum, kien hemm kumulu ta` **€278.64** (€23.22 x 24 @ 50%).

**iv) Investimenti esteri**

1) Stg 600 British Treasury 1999-91/2 %

2) Stg 1312 Lombard Northern Central UK

3) Stg 1950 War Loan 31/2 %

4) Stg 300 Japan 6 %

5) Stg 200 Iceland 6/12 %

6) Stg 1743 Chartered Trust

7) Stg 5149 TCB Ltd

8) Stg 1905 British Savings Bonds 91/2 %.
Skond Dr Melvyn Mifsud, dawn id-depoziti baqghu ma nstabux.

9) Stg 495 British Savings Bonds 91/2 %.

Anke dawn, skond Dr Melvyn Mifsud baqghu ma nstabux.

10) National Savings Investments – Glasgow.

Sad-29 ta` Mejju 2009, kien hemm depozitati **Stg 40,525.38**.

**v) Investimenti lokali**

Irrizulta kont fl-HSBC (Malta) plc bl-ammont ta` **€472.88**. Bejn l-2003 u l-2009, kienet tigi depositata f`dan il-kont il-kera tal-fond 99, Triq Sant` Ursola, Valletta.

Kien hemm kont fil-Bank of Industry, Commerce and Agriculture Limited (BICAL). Dettalji ma hemmx u lanqas tharrek bhala xhud il-Kontrollur tal-BICAL.

**vi) Flus ohra**

Paul Spiteri kellu ishma ta` Simonds Farsons Cisk. Dawn inbieghu. Mis-sehem spettanti lill-wirt tieghu, thallsu biss Josephine Brightwell armla ta` Ronald u bintha Emma Manara. Il-bqija tal-flus baqghu ghand Dr Mifsud u huma dawn (ara fol 337) :-

(a) €732.96 huma dovuti lil Carolina Camilleri
(b) €732.96 huma dovuti lil eredi ta` Alfred Brightwell
(c) €732.96 huma dovuti lill-eredi ta` Arthur Brightwell
(d) €335.94 huma dovuti lill-eredi ta` Candida Mule Stagno
(e) €335.94 huma dovuti lil Edith Zammit
(f) €335.94 lil Mary Privitera
(g) €335.94 lil George Brightwell

**Ikkunsidrat :**

## IV. **Risultanzi**

Mill-assjem tal-provi, jirrizulta illi l-valur ta` l-assi ereditarji ta` Paul Spiteri huma dawn :-

1) L-immobbli ghandhom valur komplessiv ta` **€239,000**.

2) Id-dhul mill-immobbli fis-sens ta` kirja, cnus u depoziti fil-qorti jammontaw ghal **€20,116.46**.

3) Il-valur minimu tal-investimenti esteri sal-lum jammonta ghal **GBP 54,674.38**.

4) L-investimenti lokali jammontaw ghal **€472.88** ladarba din il-Qorti ma ghandhiex hjiel dwar l-investimenti tal-BICAL.

5) Il-minimu tal-flus mill-bejgh tal-ishma ta` Simonds Farsons Cisk li ghadhom fil-pussess ta` Dr Melvyn Mifsud jammonta ghal **€3542.64**.

Huwa ben evidenti li l-wirt ta` Paul Spiteri fl-assjem tieghu mhuwiex komodament divizbbli lanqas in parte. Kwindi din il-Qorti ma tistax tilqa` dak li kien sottomess mill-atturi fin-nota ta` osservazzjonijiet taghhom. Meta tigi ghall-qasma din il-Qorti trid tara l-interess ta` l-assjem qabel kull konsiderazzjoni ohra.

**Decide**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, din il-Qorti qeghda taqta` u tiddeciedi din il-kawza hekk :-**

**Riferibbilment ghall-ewwel talba, tiddikjara li l-assi ereditarji tal-mejjet Paul Spiteri huma dawk li huma elenkati fil-Parti III ta` din is-sentenza.**

**Riferibbilment ghat-tieni talba, tillikwida l-valur tal-immobbli formanti parti mill-assi ereditarji tal-mejjet Paul Spiteri fl-ammont komplessiv ta` mitejn disgha u tletin elf Ewro (€239,000).**

**Riferibbilment ukoll ghat-tieni talba, tillikwida l-kirja mill-immobbli, ic-cnus u d-depoziti fil-qorti sal-lum bhala formanti parti mill-assi ereditarji tal-mejjet Paul Spiteri fl-ammont komplessiv ta` ghoxrin elf mija u sittax-il Ewro sitta u erbghin centezmu (€20,116.46).**

**Riferibbilment ukoll ghat-tieni talba, tillikwida l-investimenti esteri formanti parti mill-assi ereditarji tal-mejjet Paul Spiteri fl-ammont komplessiv ta` erbgha u hamsin elf sitt mija tmienja u sebghin punt tmienja u tletin Lira Sterlina (GBP54,678.38).**

**Riferibbilment ukoll ghat-tieni talba, tillikwida l-investimenti lokali formanti parti mill-assi ereditarji tal-mejjet Paul Spiteri fl-ammont komplesssiv ta` erba` mija tnejn u sebghin Ewro tmienja u tmenin centezmu (€472.88).**

**Riferibbilment ukoll ghat-tieni talba, tillikwida li r-rikavat ta` flus mill-bejgh ta` ishma li Paul Spiteri kellu fil-kumpannija Simonds Farsons Cisk u li ghadhom fil-pussess ta` Dr Melvyn Mifsud jammonta tlett elef hames mija tnejn u erbghin Ewro erbgha u sittin centezmu (€3,542.64).**

**Riferibbilment ghat-tielet talba, tiddikjara illi l-immobbli formanti parti mill-assi ereditarji ta` Paul Spiteri fil-kumpless taghhom mhumiex komodament divizibbli u ghalhekk tordna l-licitazzjoni taghhom.**

**Riferibbilment ghar-raba` talba, tordna illi l-valur komplessiv tal-assi ereditarji ta` Paul Spiteri ghandu jinqasam skond id-disposizzjonijiet tat-testment tal-istess Paul Spiteri tat-12 ta` Ottubru 1965 fl-atti tan-Nutar Rosario Frendo Randon u kwindi bejn il-persuni li huma elenkati fil-Parti II ta` din is-sentenza u cioe` in kwantu ghal wiehed minn tlieta (1/3) bejn l-ulied ta` John Spiteri jew l-eredi taghhom, in kwantu ghal tlieta minn tnejn u ghoxrin (3/22) lill-ulied ta` Anthony Spiteri jew l-eredi taghhom, in kwantu ghal wiehed minn sitta (1/6) parti bejn Candida mart Victor Mule` Stagno, Edith mart Joseph Zammit, Mary mart Eddy Privitera u George Brightwell jew l-eredi taghhom, u in kwantu ghal erbgha minn hdax (4/11) bejn Ronald Brightwell, Alfred Brightwell, Arthur Brightwell u Carolina mart Cristino Camilleri jew l-eredi taghhom, b`dan illi mill-ammonti li jithallsu ghandu jonqos kwalsiasi ammont li xi persuna jew aktar diga` rrizulta li thallsu mill-wirt tal-istess Paul Spiteri.**

**Tordna li l-ispejjez ta` din il-kawza ghandhom jithallsu bin-nofs bejn l-atturi u l-konvenuti bl-intervenuti fil-kawza jhallsu wahedhom l-ispejjez taghhom.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------